MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2004

Numru 315/2004

PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA

VS

ROSINA AGIUS
`

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Rosina Agius, ta’ sitta u erbghin sena , bint il-mejjet Joseph u Marija nee Mangion, imwielda Hal-Qormi, Malta fit-22 ta’ April, 1957 u residenti numru 2, ‘Rosenberg’, Triq l-Assembleja Nazzjonali, San Gwann u detentrici tal-karta tal-identita numru 307757 (M);

Talli fil-20 ta’ Marzu, 2004 f’dawn il-gzejjer gewwa l-lokalita’ tan-Naxxar, minn go fond bl-isem Vascas sitwat fi Vjal il-21 ta’ Settembru, Naxxar, ikkommettejt serq ta’ artifatt tal-fidda ghad-dannu ta’ terzi liema serq huwa aggravat bil-valur li huwa ta aktar minn mitt (LM100) lira izda inqas minn hames mitt lira maltin(LM500), bi ksur tal-artikolu 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-Artikolu 267 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

U wara li rat li l-imputata, fi stadju tal-provi taghha, ghazlet li tammetti ghall-akkuzi;

Ikkunsidrat;

Illi wara li semghet ix-xhieda kollha u  ezaminat id-dokumenti esebiti u fuq ammissjoni tal-imputata, l-Qorti ssib lill-istess imputata Rosina Agius, hatja tal-akkuzi kif dedotti, u wara li qieset ic-cirkostanzi tal-kaz u rat l-Artikoli 21 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-istess imputata Rosina Agius bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------